MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Appell Civili Numru. 234/2009/1

**Avviz Numru : 234/2009 SM**

**Fleur Balzan**

**vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f' Malta kif ukoll Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni u Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Finanzi, Ekonomija u Investiment, l-ahhar tnejn ghal kull interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fis-16 ta' Marzu 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti,***

*Rat ir-rikors promotur datat il-25 ta' Gunju tas-sena 2009 li permezz tieghu r-rikorrenti sejhet lill-intimati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati prevja kull dikjarazzjoni opportuna:*

*1. Illi jhallsu, jew min minnhom, lill-istess rikorrenti s-somma ta' erbat elef, erba' mija u wiehed euro u sebgha u tletin centezmu, (€4401.37), dovuti bhala rifuzjoni ta' parti mill-hlas zejjed ghal registrazzjoni ta' vettura mixtrija mill-attrici tal-marka BMW bin-numru ta' registrazzjoni JBM – 039 bin-numru tax-chassis WBAUM12040VH84923, liema hlas ghal registrazzjoni thallas lill-awtorita` ntimata nhar l-4 ta' Novembru tas-sena 2008, u dan kif del resto diga` ammess mill-istess Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta, u dan ukoll kif ha jigi ppruvat fil-kors ta' din il-kawza;*

*2. Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-awtorita` ntimata, inkluz dawk ta' ittra ufficjali prezentata fit-13 ta' April tas-sena 2009, li hija minn issa ngunta in subizzjoni, u b'rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-esponenti, fosthom, izda mhux biss, ghall-irkupru ta' taxxa fuq il-valur mizjud imhallsa zejda in konnessjoni mal-istess vettura;*

*Rat ir-risposta tal-intimati datata d-29 ta' Lulju tas-sena 2009, li permezz taghha eccepew is-segwenti:*

*1. Illi l-Avviz in risposta huwa wiehed vag u ghaldaqstant jehtieg li l-attrici tispjega:*

*i) Fl-ewwel lok, abbazi ta' liema artikolu tal-ligi hija qieghda tibbaza l-azzjoni taghha meta qieghda tippretendi li hija intitolata ghal rifuzjoni ta' flus minhabba allegat hlas zejjed tar-registrazzjoni tal-vettura numru ta' registrazzjoni JBM – 039 mixtrija minnha;*

*ii) Fit-tieni lok, fiex jikkonsisti dan l-allegat hlas zejjed fuq ir-registrazzjoni tal-vettura msemmija u kif l-attrici waslet ghal kalkolu tal-ammont pretiz minnha;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu*

*michuda fil-konfront tal-esponenti stante li ma thallas l-ebda ammont zejjed ghar-registrazzjoni tal-vettura in kwistjoni u ghaldaqstant ebda rifuzjoni ma hija dovuta. L-ammont imhallas mir-rikorrenti kien dovut skont il-ligi;*

*3. Illi in oltre' l-esponenti Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta tichad bil-qawwa kollha l-asserzjoni min-naha tar-rikorrenti li qatt gie ammess minnha li l-ammont mitlub minnha permezz ta' dan l-avviz huwa dovut lill-istess attrici;*

*4. Salv eccezzjonijiet ohra;*

*5. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;*

*Rat il-verbal tal-intimati datat l-20 t'Ottubru tas-sena 2009 li permezz tieghu ikkancellaw il-kliem " … in risposta huwa wiehed vag …" kontenuti fir-risposta numru 1 taghhom;*

*Semghet ix-xhieda prodotta;*

*Rat id-dokumenti esebiti;*

*Rat il-verbal datat it-23 ta' Novembru tas-sena 2010 li permezz tieghu l-intimati nfurmaw lill-qorti li qed jirrrifondu l-ammont meritu tal-kawza odjerna u zammew ferm il-kap bl-ispejjez u l-imghaxijiet;*

*Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet limitatament fuq il-kap indikat fil-paragrafu precedenti;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi d-decizjoni odjerna hi ghalhekk limitata esklussivament ghal dan il-Kap tal-ispejjez u sintetikament, f'dan irrigward, il-vertenza odjerna tista' tigi esposta bil-mod segwenti:*

*1. Illi r-rikorrenti Balzan hi proprjetarja tal-vettura meritu tal-vertenza odjerna u kienet xtratha fl-ahhar tas-sena 2008;*

*2. Illi tirrizulta li din il-vettura, kontra l-parti l-kbira tal-vetturi osservati fit-toroq lokali, inkluzi dawk pubblici, hi wahda ekologikament avvanzata, (ara fol 13);*

*3. Illi meta l-istess rikorrenti irregistrat il-vettura de quo biex tkun tista' tigi liberament uzata fit-toroq lokali skont il-ligi, hi hallset it-taxxi kollha lilha mitluba, inkluz il-VAT relattiv, bir-rata ta' tmintax fil-mija (18%), (ara fol 13);*

*4. Illi s-sidien ta' vetturi mixtrija fl-imsemmi perjodu jirrizulta li nghataw l-opportunita` li jhallsu l-ammonti relattivi l-licenzjar tal-istess skont skema appozita mahruga fis-sena 2009, (ara fol 14), u konsegwentement, kwalunkwe ammonti ta' pagamenti zejda li jkunu saru lill-awtorita` de quo kellhom jigu ritornati lura lis-sidien, (ara fol 14);*

*5. Illi jirrizulta li biex tigi facilitata din ittransazzjoni, l-awtorita` nvoluta kienet iffacilitat din it-transazzjoni billi stabbiliet il-metodu li kellu jintuza ghal tali rifuzjoni ta' ammonti mhallsa zzejjed mis-sidien registranti mis-sit elettroniku taghha stess, (ara fol 14);*

*6. Illi a bazi tal-informazzjoni moghtija mill-imsemmi sit tal-istess awtorita`, l-ammont pretiz mir-rikorrenti fir-rikors promotur kien effettivament l-ammont indikat mis-sit stess li r-rikorrenti kellha tigi rifuza mill-istess awtorita`;*

*7. Illi nonostante din l-informazzjoni kontrattwali moghtija mill-istess awtorita` nvoluta, impjegati fi hdan l-istess intrapriza statali nfurmaw lir-rikorrenti li ma kienux ser jottemporaw ruhhom mal-kundizzjonijiet pubblicizzati fis-sit taghhom stess u nfurmawha li r-rifuzjoni kienet ser issir bil-modalita` li huma kienu unilateralment qed jimponu, senjatament li l-ammont indebitament mizmum mill-imsemmija awtorita` appartenenti lir-rikorrenti " … kellu jittiehed bhala kreditu fuq it-taxxa tac-cirkolazzjoni tal-vettura li tithallas darba fis-sena", (ara fol 14), li allura, fuq kalkoli tal-istess rikorrenti, l-ammont appartenenti lir-rikorrenti izda indebitament mizmum mill-awtorita` in dizamina, kien ser jigi rifuz lir-rikorrent biss wara t-trapass ta' hamsa u ghoxrin (25) sena, (ara fol 14);*

*8. Illi in vista ta' l-istess ir-rikorrenti hasset li ma kellha l-ebda alternattiva hlief li tirrikorri ghall-procedura odjerna;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi tenut kont tal-fatt li l-operat tal-awtorita` de quo kif fuq sintetikament espost jitradixxi arroganza inawdita u inaccettabbli fl-operat taghha, ghandu jinghad li l-istess awtorita` gharfet l-atitudini zbaljata taghha u wara perjodu ta' ezami ta' kuxjenza, ghazlet li tirrifondi l-ammont minnha dovut lir-rikorrenti;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi nonostante s-suespost, tali ezami ma jirrizultax li kien wiehed komplut u sincier ghaliex irrifjutat, ukoll b'arroganza inaccettabbli, li taghmel tajjeb ghall-imghaxijiet mitlufin mir-rikorrenti fuq l-ammont, issa ex admissis, indebitament mizmum mill-awtorita` de quo, li wkoll, irrifjutat li taghmel tajjeb ghall-ispejjez li dahhlet lir-rikorrenti fihom, li biex tottjeni dak li legittimament hu taghha, kienet kostretta tipprocedi legalment bi proceduri appoziti, liema proceduri ovvjament jinvolvu ammont konsiderevoli ta' spejjez, oltre id-dispendju taz-zmien involut;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-causa prossima tal-azzjoni in dizamina kienet esklussivament l-atitudini xejn ezemplari tal-awtorita` de quo, liema awtorita`, bhal kull enti pubblika ohra, hi obbligata mhux biss li tkun efficjenti u effikaci, izda ghandha l-obbligu ulterjuri fil-konfront tac-cittadin li tkun anke in buona fede fl-operat taghha biex timminima d-dispendju inutili ta' spejjez finanzjarji, stress, u uzu ahjar ta' rizorsi, li tali arroganza amministrattiva necessarjament tinvolvi sakemm tigi arginata b'fermezza kif dovut;*

*Ghaldaqstant din il-qorti, filwaqt li tirrespingi r-risposta tal-intimati rigwardanti l-ispejjez u l-imghaxijiet involuti fil-kaz*

*odjern, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti Balzan fir-rigward u konsegwentement:*

*Tikkundanna lill-intimati kollha kif indikati fl-okkju tar-rikors promotur fuq indikat biex in solidum ihallsu lir-rikorrenti Fleur Balzan l-ispejjez kollha ta' din il-procedura, inkluz l-ittra ufficjali datata t-13 t'April tas-sena 2009, u l-imghaxijiet*
*dovuti mill-istess data tal-ittra ufficjali de quo."*

Rat ir-rikors tal-appell tal-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta kif ukoll Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni u tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Finanzi, Ekonomija u Investiment datat 4 ta' April 2011 fejn talbu lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnhom mressqa tilqa' l-appell taghhom u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellata Fleur Balzan.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-20 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta ta' Fleur Balzan datata 3 ta' Mejju 2011 a fol 12 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-20 ta' Ottubru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Chris Falzon Scerri ghall-appellanti kollha hlief ghal Transport Malta, li ghalihom qed jidher Dr. Ivan Gatt presenti, u Dr. Charmaine Galea ghall-appellata prezenti. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet. L-appell gie differit ghas-sentenza ghad-29 ta' Marzu 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 16 ta' Marzu 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan huwa appell minn sentenza li akkordat l-imghax tas-sorte mid-data tal-ittra ufficjali datata 13 ta’ April 2009 u l-appellanti odjerni qed isostnu li (a) l-imghax ma huwiex dovut kif deciz u dan peress li l-ammont imhallas zejjed bhala registrazzjoni tal-vettura de quo kellu jigi komputat bhala kreditu favur l-attrici u dan biss mid-data meta skond l-artikolu 24 (3) tal-Kap 368 taghmel tali talba u tali talba saret mill-attrici biss fil-mori tal-kawza ezattament fit-28 ta’ Ottubru 2009 u ghalhekk kien minn dak in-nhar li skada l-obbligu ta’ kreditu da parte tal-appellanti fl-ammont indikat. L-ammont attwalment thallas *ex gratia* mill-appellanti; fl-ghar ipotesi l-imghax dovut ghandu jibda jaghaddi mid-data meta ssir it-talba u cjoe’ mit-28 ta’ Ottubru 2009.

Illi wara li din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza u l-**artikolu 24 (1) u (3) tal-Kap. 368** li kien applikabli f’dak iz-zmien introdott fl-**Att VI tal-2009,** u riprodott fir-risposta tal-appellata, jinghad li dwar l-ewwel aggravu t-talba ghar-refuzjoni u mhux ghall komputazzjoni ta’ kreditu saret millo-appellata permezz ta’ ittra ufficjali datata 28 ta’ Ottubru 2009. Jidher car li, anke kif impostat l-appell odjern, it-talba tal-attrici appellata ma kienitx sabiex hija tinghata kreditu fuq l-ammont minnha mhallas izda sabiex hija tigi rifuza l-ammont indikat li thallas zejjed minnha bhala registrazzjoni tal-vettura taghha, b’dan li jidher car li hija ma kienitx qed tinsisti ghall-kreditu, izda ghal talba cara ta’ rifuzjoni tal-ammont kollu f’pagament wiehed, pagament, li minkejja l-eccezzjonijiet tal-appellanti, sar fil-mori tal-kawza, minghajr ebda riserva, u ghalhekk jirrizulta li tali rifuzjoni, meta saret u kif saret ma kienet suggetta ghall-ebda kundizzjoni, b’dan li allura dan ifisser li bazikament l-appellanti accettaw dak li kienet qed tghid l-istess appellata u dan bla ebda riservi, b’mod li akwiexxew ghal-posizzjoni attrici.

Illi huwa veru li fil-verbal datat 23 ta' Novembru 2010 inghad mill-abbli difensur tal-appellati li kien qed jigu rifuz l-ammont rikjest fil-mertu izda jzommu ferm l-imghaxijiet u spejjez ta' din il-procedura, izda ma jirrizultax li l-pagament attwali kien suggett ghal xi kundizzjoni. B'hekk jidher li l-appellanti ma mxewx la minn dak minnhom eccepit, u lanqas ma` dak li qed jinghad fir-rikors tal-appell, ghaliex kieku baqghu jinsistu li dak dovut lill-appellata huwa kreditu u mhux rifuzjoni, izda fil-verita' huma rrifondew il-flus mertu tal-kawza odjerna, u allura la darba ghazlu din it-triq ma jistghux issa jbiddlu r-rota (*"electa una via non datur ricorcus ad aleteram"* (**"Marlene Fazlon vs Saviour Falzon"** (P.A. (RCP) – 31 ta' Mejju 2012).

Illi mhux hekk biss, izda jirrizulta li l-pagament ma sarx *ex gratia* u fil-fatt dan ma jirrizultax mill-atti kollha tal-kawza; il-fatt li l-istess appellanti tramite d-difensur taghhom irriservaw il-punt tal-imghax u spejjez minkejja li sar il-pagament, ma jfissirx li l-pagament sar *ex gratia*. B'hekk l-ewwel aggravju qed jigi respint ghaliex l-ammont huwa dovut mid-data tal-ittra ufficjali msemmija, li hija interpellazzjoni proprju ghall-hlas tal-istess, u dan bhala sorte gie accettat mill-appellanti bil-pagament li sar minnhom, pagament li sar b'konsegwenza tal-istess u ghalhekk l-imghax ghandu jiddekorri minn dak in-nhar anke tenut kont ta' dak li nghad fis-sentenza **"Alfred P. Farrugia nomine vs Kummissarju tat-Taxxi Interni"** (A.C. – 20 ta' Marzu 1989) fis-sens li meta persuna tigi mtellfa mill-uzu ta' flusha, skond l-**artikolu 1047 (1) tal-Kap. 16** din ghandha tissewwa bil-hlas tal-imghaxijiet fuq is-somma mhallsa.

Illi dwar it-tieni aggravju l-imghax huwa dovut mid-data tal-ittra ufficjali ghaliex il-hlas da parte tal-appellant ghaliex l-attrici fil-mori ssottomettiet formula fl-24 ta' Novembru 2009, ghaliex kieku l-appellanti riedu jimxu ma' tali formula, dak li skond huma kienet intitolata ghalih l-attrici kien biss kreditu tas-sorte u mhux rifuzjoni tas-sorte. B'hekk anke dan l-aggravju qed jigi respint.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellata Fleur Balzan datata 3 ta' Mejju 2011 biss in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom datat 4 ta' April 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 16 ta' Marzu 2011 fl-ismijiet premessi "Fleur Balzan vs Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta et" (Avviz Numru 234/2009/SM) ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------